MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2011

Appell Civili Numru. 8/2010

**Fl-atti tal-Appell Numru 37/2009 fl-ismijiet:-**

**A**

**vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi fit-30 ta' Settembru 2010 il-Bord tal-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"Il-Bord:*

*Fis-17 ta' Lulju 2009, l-appellant **A** issottometta l-Formola A tal-Appell kontra d-Dipartiment tal-VAT fuq il-perjodu*

*01.02.03 - 28.02.05 għall-ammont ta' €4,644 mingħajr penali amministrattiva u mgħax.*

*Għall-Appell deher l-appellant innifsu s-Sur A, assistit mill-Avukat Dr. Kris Borg. Għad-Dipartiment tal-VAT deher is-Sur Anthony Cutajar, Principal.*

*Id-Dipartiment qal li l-istejjem li jkopru l-perjodu 01.02.03 - 30.04.04 jaqgħu taħt il-Liġi l-antika u l-istejjem li jkopru l-perjodu 01.05.04 - 28.02.05 jaqgħu taħt il-Liġi l-ġdida. Huwa kompla jgħid illi l-appellant kien applika għar-reġistrazzjoni fis-26 ta' Frar 2003 meta ddikjara li l-attivita' ekonomika tiegħu kienet ta' "diving services". Fit-12 ta' Settembru 2005 id-Dipartiment kien ġibed l-attenzjoni tal-appellant bil-miktub għad-denunzja li tkopri l-perjodu 01.03.04 - 30.04.04 fejn kien iddikjarat bejgħ ta' Lm4,156 bħala eżenti mingħajr kreditu u l-appellant kien wieġeb fis-7 ta' Novembru 2005 fejn talab korrezzjoni tad-denunzja għall-eżenti bi kreditu.*

*F'dan l-istadju, id-Dipartiment sab li l-appellant barra "diving services" kien qed ukoll jagħti "diving lessons" li skont il-Liġi huma taxxabbli.*

*Fir-rigward tal-istejjem, id-Dipartiment qal li l-istejjem provizorji li ħarġu f'April 2005 kienu ġew ikkancellati għaliex ġew preskritti u li sett ġdid ħareġ f'Marzu 2009 kif tippermetti l-Liġi.*

*L-appellant irribatta dan billi qal li huwa reġistrat bħala "diving school" mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni kif jidher miċ-ċertifikat oriġinali ppreżentat waqt is-seduta. Huwa kompla jgħid illi skont il-Liġi (Art. 12 (2) Skeda 5) "tuition" hija eżenti, iżda d-Dipartiment qed jikkwota parti oħra tal-liġi (Art 12 (3) Skeda 5) li skont l-appellant ma tapplikax. Fir-rigward tal-istejjem huwa qal li l-istima propja fuq il-perjodu 01.02.03 - 29.02.04 ħarġet f'Ġunju 2009, jiġifieri wara 6 snin u dan b'konflitt mal-Liġi (Art 32 u 33) li jispeċifikaw 6 xhur.*

*Fit-13 ta' Awwissu 2010, il-Bord irċieva sottomissjoni mid-Dipartiment li bħal ma jsir issoltu ġiet mgħoddija lill-*

*appellant li dlonk ipprotesta peress li fit-tmiem tas-seduta, il-Bord kien avza li kien issa ser jibghat id-decizjon bil-miktub; il-Bord laqa' din il-protesta u ma hax konjizzjoni ta' din is-sottomissjoni.*

*Il-Bord wara li sema' bir-reqqa dak kollu li ntqal miz-zewg partijiet wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet :-*

*1. Li fir-rigward tal-istejjem fuq il-perjodu 01.02.03 - 29.02.04 l-istejjem li hargu f'Gunju 2009 kienu koperti bil-Ligi ghaliex skont artiklu 32 (1), iz-zmien ta' 6 snin jiskatta "mit-tmiem tal-imsemmi zmien ta' taxxa", f'dan il-kaz id-29 ta' Frar 2004.*

*2. Li fuq il-punt jekk l-attivita` tal-appellant kinetx taxxabbli jew le, jidher li l-attivita' tal-appellant ma taqax taht artiklu 12 (2) Skeda 5 tal-Ligi ghaliex la hija ricerka edukattiva u lanqas ma tista' tigi deskritta bhala skola fil-veru sens tal-kelma jew universita` izda hija pjuttost organizzazzjoni rikreattiva u ghalhekk taqa' taht artiklu 12 (3) tal-Ligi li hija eskluza u ghalhekk hija taxxabbli.*

*L-Appell ghalhekk huwa michud.*

Rat ir-rikors tal-appell ta' A datat 29 ta' Ottubru 2010 fejn talab lill-Qorti illi ghar-ragunijiet hemm premessi d-decizjoni tal-Bord tal-Appell Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud tigi revokata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra d-Dipartiment tat-Taxxi Fuq il-Valur Mizjud.

Rat li l-istess appell gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta' Frar 2011.

Rat ir-risposta tal-Appell tal-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Mizjud datata 22 ta' Novembru 2010 a fol 9 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta' Frar 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Chris Borg ghall-appellant prezenti u Dr. Kris Balzan ghall-appellant rapprezentat minn Alfred Petit. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghall-4 ta' Ottubru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa bbazat fuq zewg aggravji u cjoe' (1) li ghal dawk li huma stejjem dawn huma preskritti u dan inghad b'riferenza ghall-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2003 sat-30 ta' Mejju 2003, dwar stima provizorja li harget f'Gunju 2009, u allura wara s-sitt snin kontemplati fl-**artikolu 32 (1) tal-Kap. 406;** (2) huwa jmexxi *diving school* u *diving lessons* huma ezenti mill-hlas tal-VAT skond il-Hames Skeda, it-Tieni Parti, artikolu 12 tal-Kap. 406.

Illi dwar l-ewwel aggravju relattiv ghall-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2003 sat-30 ta' Mejju 2003, jidher li l-appellant ma ghandux ragun ghaliex li l-istejjem provizorji hargu fit-30 ta' Marzu 2009 u allura fit-terminu indikat fl-**artikolu 32 (1) tal-Kap. 406** ta' sitt snin mid-dati ndikati fl-istess artikolu li f'dan il-kaz kienu d-29 ta' Frar 2004, u ghalhekk anke fuq l-iskorta tas-sentenzi **"Charles Vella nomine vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"** (A.I.C. (PS) – 11 ta' Dicembru 2009) u **"Ballut Blocks (Services) Limited vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"** (A.I.C. (PS) – 26 ta' Marzu 2010).

Illi la darba l-istejjem provizorji hargu fit-terminu indikat fl-**artikolu 32 (1),** jirrizulta li l-istejjem finali hargu fit-terminu ndikat f'paragrafu fl-artikolu **32 (3) tal-Kap. 406** u dan kif jirrizulta wkoll mill-verbal tas-seduta tat-12 ta' Awwissu 2010 quddiem l-istess Tribunal li fl-ebda punt ma gie kkontestat mill-appellant jew id-difensur tieghu kif jirrizulta mill-verbal relattiv (fol. 8)**.** Huwa interessanti (izda mhux vitali) li jigi relevat li dan il-punt lanqas kien punt ta' appell imqajjem mill-appellant fl-appell tieghu quddiem il-Bord ta' l-Appell Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Bord), kif jidher minn ittra datata 27 ta' Novembru 2006 u l-appell datat 17 ta' Lulju 2009. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni aggravju din il-Qorti taqbel mad-decizjoni tal-Bord li *"diving lessons"* jaqghu taht id-disposizzjoni ta' **Skeda Hamsa, It-Tieni Parti, artikolu 12 (3) tal-Kap. 406** u peress li dan huwa *"taghlim privat moghti minn ghalliema li jagixxu f'kapacita' individwali f'suggetti li s-soltu mghallma fil-kors ta' edukazzjoni provduta minn skola jew universita', izda eskluz it-taghlim f'attivitajiet jew dixxiplini rikreattivi, fizici jew sportivi",* u tali attivita' fis-sitwazzjoni attwali u prezenti hija wahda rekreattiva u hawn il-Qorti qeghda ghal darba ohra taqbel ma' dak deciz mill-Bord u ma dak sottomess mill-appellat f'paragrafi 9 sa 12 tar-risposta tal-appell tieghu u ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellat il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 22 ta' Novembru 2010, **tichad l-appell interpost mill-appellanti A datat 29 ta' Ottubru 2010 stante li huwa nfondat legalment ghar-ragunijiet hawn decizi, u b'hekk tikkonferma id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell Dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud datata 30 ta' Settembru 2010 fl-ismijiet premessi "A vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud" (Appell Numru 37/09) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kollha ta' dan l-appell a karigu tal-appellant A.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------